PDF Compressor Pro





Waqt minuta silenzju biex jitfakkar il-kittieb magħruf Kilin (Michael Spiteri). Jidhru mix-xellug, Toni Mizzi, Dun Anthony Mario Saliba, Ġanninu Cremona, Joe Camilleri, Charles Bezzina, Mons. Dr Joseph Bezzina, Melchiorre Cremona u Anna Ellis (parti mgħottija). Fuq quddiem jidher Salvinu Cremona.



Ġanninu Cremona (lemin) jidher jippreżenta kopja tal-ktieb tiegħu 'L-Assedju t'Għawdex 1551' lill-Eks Speaker Anton Tabone

# Ikkommemorat l-Assedju ta' Għawdex tal-1551

**Kitba u ritratti ta' Charles Spiteri**

L-assedju traġiku ta' Għawdex ta' l-1551 ġie kkommemorat din is-sena eżattament fil-ġurnata u fil-post fejn seħħew il-ġrajjiet 457 sena ilu bit-tnedija ta' ktieb tal-poeta Għawdxi Ġanninu Cremona.

Il-ktieb ***L-Assedju ta' Għawdex 1551 – Ballata*** ġie ppreżentat lill-pubbliku waqt serata mtella' nhar is-Sibt 25 ta' Lulju fl-anniversarju ta' din il-ġrajja fuq id-demi-bastjun ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella. Il-kantanti Mario Caruana u Ruth Portelli interpretaw partijiet mill-poeżija akkumpanjati minn żewġ kitarristi Joe Engerer u Mario Attard. Il-poeżija, kitba, produzzjoni u direzzjoni ta' Ġanninu Cremona, inqrat minn diversi qarrejja li interpretaw persunaġġi differenti, Mons. Dr Joe Bezzina fil-parti ta' Kaptan u tal-Patri Agostinjan Bartilmew Bonavia; Salvinu Cremona fil-parti ta' Bernardo De Opuo; Ruth Portelli fil-parti ta' l-Għawdxija; Melchiorre Cremona fil-parti tal-Gvernatur Galazjan de Sesse; Charles Bezzina fil-parti ta' Dun Nikol Casteletti; Toni Mizzi il-parti ta' Dragutt; Dun Anthony Mario Saliba fil-parti tal-Bàxa Sinam u Anna Ellis fil-parti tal-mara. Is-Sur Joe Camilleri għamel analiżi letterarja tax-xogħol filwaqt li l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono għalqet is-serata b'messaġġ ta' l-okkażjoni.



Ġanninu Cremona waqt id-diskors qasir tiegħu ta' l-okkażjoni



L-għannejja Ruth Portelli mill-Qala

Fil-messaġġ tagħha, il-Ministru Debono minn qalbha feħret lil Ġanninu Cremona għax-xogħol letterarju sabiħ li kien għadu kif ippubblika u awgurat li jitgawda minn dawk kollha li jaqrawh kemm mill-aspett letterarju kif ukoll dak storiku. Irringrazzjatu wkoll ta' l-opportunità biex filwaqt li wieħed igawdi x-xogħol letterarju tiegħu, wieħed ifakkar ukoll b'mod dinjituż u ta' rispett din il-ġrajja.

"...Ġanninu huwa eżempju ta' kif l-anzjani tagħna jistgħu jibqgħu attivi u jagħtu kontribut siewi lis-Soċjetà u jiena ċerta li Ġanninu baqagħlu ħafna aktar x'jista' jikkontribwixxi." hekk temmet il-messaġġ tagħha l-Ministru Debono.

Il-ktieb jirrakkonta l-istorja traġika ta' l-Assedju ta' Għawdex tal-1551 meta madwar 5500 ruħ li kienu jiffurmaw kważi l-popolazzjoni kollha ta' Għawdex inġarru fil-jasar. Il-poeżija f'forma ta' ballata tfakkar diversi persunaġġi storiċi bħal Bernardo De Opuo, il-Gvernatur Galazjan de Sesse, Patri Agostinjan Bartilmew Bonavia u Dragut, iżda tfakkar ukoll b'ġieħ lill-eluf ta' Għawdxin bla isem li ntilfu f'din it-traġedja. Il-ktieb fih numru ta' stampi ta' pittura tal-Kavallier Paul Camilleri Cauchi li jfakkru din il-ġrajja.

L-istoriku Għawdxi Mons. Dr Joseph Bezzina qal lil "The Maltese Herald" illi l-Imperatur qalbieni Karlu V għadda 'l Malta u Għawdex lill-Kavallieri ta' San Ġwann nhar it-23 ta' Marzu, 1530. Il-Kavallieri sabu li l-Aragonizi, li mexxew qabilhom, kienu ħallew id-difiża tal-Gżira fi stat tal-biki. Għalhekk dlonk bdew isaħħu l-fortifikazzjoni madwar il-Birgu, il-Belt li fiha għażlu li jmorru joqogħdu.

Ta' Għawdex qajla taw każ. Meta f'Lulju 1551, it-Torok, immexxija mill-Bàxa Sinam u r-Rajjes Dragut, żbarkaw Malta raw li aħjar ma jitilfux ħin u ġellieda f'dik il-Gżira. U ftiehmu li jaħbtu għal Għawdex. Ħadd ma kien ħaseb iżomm qabda nies sewwa f'dil-Gżira żgħira, u l-Gvernatur Galazjan de Sesse sab ruħu bla nies, bla swar u bla għodda għal taqbida kbira.



L-għannej Rabti Mario Caruana

L-istoriku Mons. Bezzina jkompli jirrakkonta illi t-Torok żbarkaw Għawdex nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju, xterdu bħal gurati ma' l-art kollha jaqtgħu, jaħarqu, ikarkru ikel, bhejjem, tjur u nies. Bla għaġla xejn waslu taħt is-swar tal-Kastell u nġabru qtajja' qtajja', waqqfu t-tined u tħejjew għal qagħda twila. X'jieklu sabu, u min ifixkilhom ma kienx hemm, u la quddiemhom u anqas warajhom, u bħan-nassaba ta' l-agħsafar ma kellhomx ħlief jaqilbu x-xbiek u jaqbdu lil kulħadd.

Il-Gvernatur de Sesse bagħat lil Patri Bartilmew Bonavia ta' l-Ordni ta' Santu Wistin għand il-Bàxa Sinam u qallu li kien bi ħsiebu jiftaħ il-Belt għalih jekk jagħtih kelma li ma ssirx ħsara, u, jekk jittieħdu lsiera, iħalli lill-kbarat tal-Gżira jmorru għal xogħolhom. Il-Bàxa qal iva, biex, b'riħet hekk, ma jitlifx nies minn tiegħu. Fl-egħdewwa jaħseb hu.

Ikompli jgħidilna Mons. Bezzina, illi malli dawn daħlu fil-Belt, il-Misilmin ma sata' jżommhom ħadd u kulma kien hemm x'iġorru tkarkar, dak li ma satax jinġarr ġie maħruq u maħtut.

In-nies kollha, irġiel, nisa, u tfal ittieħdu lsiera. Il-Bàxa, biex bħal dak li qallu jżomm kelmtu, qabad erbgħin xiħ għakka, sejħilhom u qalilhom, "Intom in-nies kbar tal-Belt, mela jien nerħilkom għax hekk ftehimt mal-Gvernatur. Morru, il-bqija għal fuq l-iġfien"

L-imsejken De Sesse, Dun Nikol Castelletti, l-Arċipriet tal-Matriċi, Dun Lawrenz Apap, kappillan ta' San Ġorġ u l-irjus kbar tal-Gżira ġew marbuta u mkaxkra mal-kotra lejn ix-xatt. Min ħabat iżomm iebes ġie mbiċċer.

Jingħad li wieħed minn tad-dejma, jismu Bernardo De Opuo, wara li tqabad kemm felaħ ma' l-egħdewwa, ġera lejn daru għax ħabtu għalih ma nafx kemm. Daħal ġewwa, qatel lil martu u żewġ xebbiet uliedu biex ma jaqgħux taħt idejn it-Torok, imbagħad fuq l-għatba tal-bieb xejjer sejfu fuq il-kotra sa ma waqa' mqatta' bċejjeċ. Miet ħieni għax niesu ma kellhomx biża' li jiġu taħt il-kefrija tal-għarib. Huwa u wliedu mietu darba, iżda dawk l-eluf ta' Għawdxin li marru lsiera raw il-mewt mitt darba għal min jaf kemm-il sena.

Il-ktieb tal-poeta Cremona hu dedikat lin-neputi tiegħu John Cremona li jfakkar ismu.

F'ħin minnhom inżammet ukoll minuta silenzju b'rispett lejn il-kittieb magħruf Kilin (Michael Spiteri).

Is-Serata spiċċat bil-kant ta' l-Innu Nazzjonali.



Uħud minn dawk preżenti u li anke pparteċipaw fis-serata. Mix-xellug jidhru Mons. Dr Joseph Bezzina, Charlie Bezzina, is-Sinjura Camilleri, Joe Camilleri, John Cremona u l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Attard



Uħud minn dawk preżenti. Fuq quddiem mix-xellug jidhru l-Eks Speaker Anton Tabone, l-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral, Mons. Ġużeppi Attard, is-Sindku tal-lokalità tar-Rabat, Robert Tabone, il-Ministru Giovanna Debono u l-Uffiċjal Responsabbli mill-Kultura f'Għawdex, Kevin Sciberras.

## Servizz ta' Welfare

Il-Kunsill tal-Komunità Maltija ta' NSW jixtieq javża li qed joffri servizz ta' Welfare Officer darba fix-xahar minn dawn il-postijiet: Mill-uffiċċju ta' **Sydney Multicultural Community Service Centre, Daceyville**, mid-dar tas-**Saċerdoti ta' l-MSSP f'Depiro House, East Sydney**, mill-**Blactown Migrant Resource Centre** u minn **LLandilo.**

Għal aktar informazzjoni jew biex tagħmlu appuntament mal-Welfare Officer f'wieħed minn dawn il-postijiet, ċemplu lil

**Rita' O'Dwyer** fuq **0432 437 293**

**Dan is-servizz qed isir permezz ta' grant lill-Kunsill Malti ta' NSW li rċieva mingħand il-Community Relation Commission ta' NSW**